# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 18 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru: 894/2016 JPG**

**Kawza Numru: 7**

**S.N. Properties Limited (C-14550)**

**VS**

**Bank of Valletta plc (C-2833)**
**Christopher Gatt (177572M)**
**Cheryl Gatt (22956A) u**
**Kevin Falzon (259273M) ghal kull interess li jista' jkollu.**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat datat 6 ta' Ottubru 2016, tas-socjeta' S.N. Properties Limited (C-14550) u George Portelli (493662 M) fil-vesti tieghu ta' direttur tal-istess socjeta', li jaqra hekk:

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti nhar l-20 t'Awwissu 2002 dahlet f'konvenju mal-Intimati Christopher u Cheryl Gatt fejn ir-rikorrenti kienet obbligat ruhha li titrasferixxi l-*

*proprjeta' taghha bl-isem ta' 'Roxanne' fi Triq il-Gladjoli, Madliena lill-konjugi Gatt, u l-Intimati Christopher u Cheryl Gatt obbligaw ruhhom illi jitrasferixxu l-proprjeta' taghhom bin-numru 39 u 41 fi Triq Antonio Pace, Mellieha lir-rikorrenti (vide kopja tal-ftehim anness u mmarkat Dok.SN1).*

2. *Illi s-socjeta' rikorrenti aderiet mal-konvenju u ttrasferiet il-proprjeta' bl-isem ta' 'Roxanne' fi Triq il-Gladjoli, Madliena lill-Intimati Gatt permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Marco Farrugia datat 17 ta' Marzu 2004 (Dok. SN2) fejn dakinhar stess giet kostitwita ipoteka specjali fuq l-istess proprjeta' permezz ta' att pubbliku iehor fl-Atti tan-Nutar Marco Farrugia datat 17 ta' Marzu 2004 (Dok. SN3) in kawtela tad-drittijiet tar-rikorrenti fl-ammont ta' mitt elf Lira Maltin sakemm l-Intimati Gatt jittrasferixxu l-proprjeta' taghhom tal-Mellieha lir-Rikorrenti (vide Ipoteka Specjali Dok. SN4). Ghalhekk il-proprjeta' trasferita mir-rikorrenti kienet diga kolpita b'ipoteka specjali favur ir-rikorrenti fil-mument li din giet trasferita lill-Intimati Gatt.*

3. *Illi l-Intimati Gatt ma resqux ghall-iffirmar tal-att finali u ghalhekk naqsu milli jittrasferixxu l-proprjeta' taghhom tal-Mellieha lir-rikorrenti u kien ghalhekk illi r-rikorrenti ressqet kawza fejn talbet illi l-konjugi Gatt jigu ordnati jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att finali li dwaru kien gie ffirmat il-konvenju imsemmi u fin-nuqqas jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni versu r-rikorrenti u ordnati jhallsu d-danni likwidati.*

4. *Illi din il-kawza (Cit. Nru 911/2004 GCD) giet deciza nhar it-23 ta' Jannar 2009 fejn it-talbiet attrici sabiex il-Qorti tordna t-trasferiment tal-proprjeta' fil-Mellieha gew milqugha (b'riserva dwar it-talbiet rigwardanti d-danni f'kaz li t-trasferiment ma jkunx jista' jsir) vide sentenza mmarkata Dok. 'SN5'.*

5. *Illi sussegwentement, il-proprjeta' fil-Mellieha meritu tal-kawza sucitata ma setghetx tinbiegh ghaliex ma kinietx fl-istat li fiha kellha tigi mibjugha skont il-konvenju (u eventwalment il-fond inbiegh b'irkant taht l-awtorita' tal-Qorti) u ghalhekk ir-rikorrenti talbet lill-din il-Qorti sabiex tiddeciedi t-talbiet dwar id-danni (vide sentenza fl-atti tal-kawza 911/2004/AE datata 24 ta' Gunju 2013 –Dok 'SN6').*

6. *Illi ghalhekk l-Intimati Gatt huma llum –il gurnata debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin elf disa' mija u sebgha u tletin Euro (Eur232,937) oltre l-imghax dekoribbli mit-23 ta' Marzu 2009 u l-ispejjez legali skont l-ahhar sentenza.*

7. *Illi dan id-debitu huwa ghalhekk munit b'ipoteka specjali fuq il-proprjeta' bl-isem ta' 'Roxanne' fi Triq il-Gladjoli, Madliena liema ipoteka giet irregistrata nhar l-ewwel t'April 2004 (Numru Progressiv 5943).*

8. *Illi permezz ta' subbasta numru 70/06 fl-ismijiet ''Kevin Falzon v Dr. Martin Fenech'' fejn kien qed jintalab il-bejgh b'subbasta taz-zewg proprjetajiet, u cioe' dik tal-Mellieha u dik tal-Madliena minn krendituri ohra tal-konjugi Gatt, il-Bank Intimat akkwista l-proprjeta' numru 39 u 41 fi Triq Antonio Pace, Mellieha stante li fuq din il-proprjeta' in partikolari l-istess Bank kien iskriva ipoteka u privilegg specjali li giet registrata fit-18 ta' Settembru 2002 (Dok. SN.7).*

9. *Illi minn dan il-bejgh il-Bank Intimat ma ssodisfax il-kreditu tieghu kollu fil-konfront tal-Intimati Gatt u ghalhekk talab illi titkompla s-subbasta fir-rigward tal-proprjeta' tal-Madliena, u cioe' dik li fir-rigward taghha hija r-rikorrenti li ghandha ipoteka specjali iskritta kontemporanjament mat-trasferiment fis-sena 2004 u li ghalhekk tippregradwa lill-bank Intimat stante li l-ipoteka specjali tieghu iskritta fl-2002 kienet tirrigwardja l-proprjeta' l-ohra tal-Mellieha li nbieghet b'subbasta.*

10. *Illi ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrenti permezz ta' rikors imressaq nhar il 11 t'Ottubru 2013 fl-atti tas-subbasta surriferita, talbet illi toffri bhala oblatur animo compensandi ghall-proprjeta' tal-Madliena, liema talba giet opposta inter alia mill-Bank Intimat stante illi skont il-Bank Intimat huwa jippregradwa lir-rikorrenti.*

11. *Illi nonostante li r-rikorrenti ressqet replika fejn spjegat illi fir-rigward tal-proprjeta' tal-Madliena hija r-rikorrenti li tippregradwa lill-kwalunkwe debitur iehor tal-Intimati Gatt (peress illi l-Ipoteka Specjali iskritta fl-2002 mill-BOV kienet tirrigwardja proprjeta' illi nbieghet b'subbasta), din il-Qorti diversament*

*presjeduta cahdet it-talba tar-rikorrenti permezz ta' digriet datat 14 ta' Settembru 2016 ghar-ragunijiet elenkati mill-Bank Intimat fir-risposta tieghu (vide digriet - Dok. SN8').*

12. *Illi dan id-digriet inghata nonostante l-fatt illi hija l-Ipoteka Specjali a favur tar-rikorrenti li tippregradwa dik tal-Bank Intimat.*

13. *Illi ghalhekk minhabba s-suespost, is-socjeta' rikorrenti, in kawtela tal-kreditu taghha ma kellhiex triq ohra hlief illi tressaq din il-kawza.*

*Ghaldaqstant ir-Rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti fic-cirkostanzi;*

1. *Preliminarjament tordna s-sospensjoni tas-subbasta numru 70/06 fl-ismijiet ''Kevin Falzon v Dr. Martin Fenech'' pendenti l-ezitu finali u definittiv tal-proceduri odjerni.*

2. *Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti tippregradwa lill-Intimati partikolarment lill-Bank of Valletta plc fil-konfront tal-proprjeta' bl-indirizz 'Roxanne' fi Triq il-Gladjoli, Madliena u dana ai termini tal-ipoteka specjali bin-numru progressiv 5943.*

3. *Tirrevoka contrario imperio d-digriet digriet datat 14 ta' Settembru moghti fl-atti tas-subbasta numru 70/06 fl-ismijiet ''Kevin Falzon v Dr. Martin Fenech''.*

4. *Tammetti lis-socjeta' rikorrenti sabiex tkun oblatur animo compensandi fis-subbasta numru 70/06 fl-ismijiet ''Kevin Falzon v Dr. Martin Fenech''.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permezz ta' affizzjoni (a fol 28), fil-gazzetta lokali (a fol 64) u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern (a fol 65);

Rat ir-Risposta Guramentata tas-socjeta' konvenuta Bank of Valletta p.l.c., datata 31 ta' Ottubru 2016, (vide fol 33 et seq), li taqra hekk;

1. *Illi, it-talbiet attrici huma kollha guridikament u fattwalment infondati, stante illi huma ibbazati fuq premessa legali zbaljata u cioe', illi il-kreditu tas-societa' attrici jippregradwa dak tas-socjeta' esponenti, meta huwa car u manifest, illi bl-Iskrizzjoni Ipotekarja I 13968/2002, tinkludi Ipoteka Generali u din l-Ipoteka Generali tippregradwa skont id-data ta' registrazzjoni fit-18 ta' Novembru 2002 u tkopri il-proprjeta' kollha tad-debituri u mhux biss dik tal-Mellieha kif imsemmi fir-Rikors Guramentat.*

2. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mill-atti ghandu jirrizulta illi il-premess gja ingieb a konjizzjoni tas-socjeta' attrici, li pero' ippersistiet illi tipprocedi b'din il-kawza u ghalhekk l-esponenti qeda tirriserva illi tipprocedi kontra l-istess socjeta' attrici minhabba din il-kawza frivola u vessatorja taghha li qed tarreka danni, mhux biss lis-socjeta' konvenuta esponenti, imma anke lill-konvenuti debituri. Is-socjeta konvenuta esponenti ghadha kreditrici tal-intimati subbastati f'sommom ingenti kif jirrizulta mill-atti tas-subbasta u dan wara s-sentenza ta' Din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Novembru 2007 fejn is-subbastati gew ikkundannti ihallsu lill-esponenti is-somma ta'€177,243.12 flimkien mal-imghax mill-31 ta' Jannar 2007 u l-ispejjez gudizzjarji. Sal-lum l-esponenti ghadha ma thallset l-ebda parti mill-istess somma kanonizzata favur taghha.*

3. *Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet attrici huma kollha guridikament u fatwalment infondati, kif ahjar jirruizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*(i) Illi, rigward it-talbiet kif impostati fir-Rikors Guramentat, l-esponenti m'hiex f'posizzjoni taderixxi u taqbel mal-istess premessi, stante illi in-negozju li ghadda bejn is-socjeta' attrici u il-konvenuti Gatt, huwa res inter alios acta vis-à-vis is-socjeta' attrici.*

*(ii) Illi, del resto, l-esponenti tikkontesta il-bqija tal-premessi fic-citazzjoni, stante illi dawn huma guridikament u fattwalment infondati.*

*(iii) Illi, ghal kull buon fini u ghall-ahjar istruzzjoni ta' Din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti, umilment tissottometti illi ghandhom jigu allegati l-atti tas-Subbasta 70/2006 fl-ismijiet "Kevin Falzon vs Dr. Martin Fenech".*

Rat ir-Rikors tas-socjeta' S.N. Properties Limited (C-14550), datat 26 ta' April 2017, vide fol 68 et seq, li jaqra hekk;

1. *Illi l-esponenti taghmel referenza ghal din il-kawza u ghall-Atti tas-subbasta numru 70/06.*

2. *Illi l-esponenti tirreferi senjatament ukoll ghad-digriet fl-atti tas-subbasta numru 70/06 datat 14 ta' Settembru 2016 fejn din l-Onorabbli Qorti hekk kif presjeduta cahdet it-talba tar-rikorrenti li toffri bhala oblatur animo compensandi inter alia ghaliex il-Bank Intimat jippregradwa lir-rikorrenti.*

3. *Illi sussegwenti ghal dan id-digriet, l-esponenti ressqet din il-kawza sabiex wara li jigu ezaminati l-fatti u d-dokumenti kollha rilevanti ghall-kaz, jigi deciz inter alia min l-istess esponenti tigi ammessa bhala oblatur animo compensandi, u cioe' sabiex jigi deciz dak illi din il-Qorti hekk kif presjeduta diga ippronunzjat ruhha dwaru b'mod car fid-digriet suindikat.*

4. *Illi ghalhekk jirrizulta illi t-talbiet imressaq f'din il-kawza huma identici ghall-dak li diga pprovdiet dwaru din il-Qorti hekk kif presjeduta fl-Atti tas-subbasta numru 70/06.*

5. *Illi ghalhekk, ikun ghaqli u gust illi ma tkunx din l-Onorabbli Qorti hekk kif presjeduta illi taghti s-sentenza f'din il-kawza izda tkun l-istess Qorti diversament presjeduta li taghmel dan.*

6. *Illi ghalhekk ai termini tal-Artikolu 734 (d) (ii) tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta l-esponenti thoss li din il-Qorti f'gieh il-gustizzja u l-imparzjalita' li hija thaddan ghandha tirrikuza ruhha.*

   *Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrikuza ruhha f'din il-kawza.*

Rat ir-Risposta tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) ghar-rikors tas-socjeta' attrici S.N. Properties Limited tas-26 ta' April, 2017, datata 17 ta' Mejju 2017, (a fol. 71 et seq.), li taqra hekk;

1. *Illi s-soċjeta` esponenti umilment tissottometti, illi l-ewwel net, wieħed għandu jagħti titwila lejn il-liġi relevanti għar-rikors in diżamina u ċioe` l-artikolu 734(1)(d)(ii) u partikolarment l-proviso ta' l-istess artikolu:*

   *"(1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –*

   *(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:*

   *Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia;"*

   *Dan il-proviso speċifikatament jeskludi r-rikuża f'każijiet fejn l-imħallef in kwistjoni jkun ddeċieda materja li ma tiddeċidix definittivament il-meritu tal-kawża bejn il-partijiet. F'dan il-każ id-digriet li bih Din l-Onorabbli Qorti Ċaħdet it-talba għall-offerti animo compensandi, huwa biss wieħed ta' natura proviżorja u bl-ebda mod ma jostakola lill-persuna milli tagħmel offerti. Di piu` dak id-digriet bl-ebda mod ma iddeċieda il-pozjorita` u ċioe` minn jippregradwa fuq l-attiv, mentri din hija kawża biex tiġi deċiża tali gradwazzjoni.*

2. *Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-ġurisprudenza jinnota illi l-kelma 'kawża' fl-artikolu hawn fuq imsemmi, tirreferi biss għal deċiżjoni li tkun ingħatat fuq l-istess kawża u mhux fuq proċeduri oħra.*

   *Di piu` ġeneralment ir-rikuża tista' tintalab biss f'każijiet speċifiċi hekk kif imniżżla fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk għandu jkun hemmm osservanza rigruża anke fir-rigward tal-provisos relattivi. Illi fis-sentenza '**Carmelo Gauci vs. Giorgio Gatt et'**, tas-6 ta' Novembru 1967, il-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) iddeċidiet is-segwenti:*

*'Ġie dejjem ritenut illi l-każijiet li fihom Imħallef jista' jastieni jew jiġi rikużat huma biss dawk tassativament imsemmija fl-imsemmija artikolu. Ġie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem 'il-kawża' fid-disposizzjoni hawn fuq ċitata, jirriferixxu għall-istess kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni preċedenti (ara p. – Vol. XXVII, I, 157; 'Xuereb vs. Agius', App. 25 ta' April, 1960; 'Dr. Caruana vs. Gerada', App. 28 ta' Ġunju, 1966)'*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet, '**Perit John Gambina A & CE vs. Fithome Limited**', tat-28 ta' Jannar 2005, Ċitazzjoni Numru. 1672/1998/1, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li anke f'sitwazzjoni fejn il-Qorti tkun ddeċidiet l-Mandat ta' Inibizzjoni li warajh mbagħad tiġi intavolata kawża, xorta waħda ma tirnexxix l-eċċezzjoni tar-rikuża. L-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet mhux qiegħed hemm biex jakkomoda xi parti li tista' tħossha xi ftit nfeliċi għax dik il-Qorti tkun ġia` ċaħdet talba ta' dik il-parti fi proċeduri oħra. Anzi hija sezzjoni tal-liġi, li kif inhuwa ben risaput, tingħata interpretazzjoni restrittiva.*

*3. Illi fis-sitwazzjoni odjerna, l-Onorabbli Qorti żgur li ma ddeċidietx definittivament il-meritu in kwistjoni. L-ewwelnett id-Digriet li kien ingħata minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Settembru, 2016, ngħata fl-atti tas-subbasta numru 70/2006 fl-ismijiet 'Kevin Falzon vs. Dr. Martin Fenech noe', proċedura separata. Hemmhekk is-soċjeta` rikorrenti S.N Properties Limited talbet li toffri animo compensandi u din l-Onorabbli Qorti ċaħdet tali talba.*

*Fl-umili sottomissjoni tas-soċjeta` esponenti, Din l-Onorabbli Qorti, ma kinitx qed tiddeċiedi definittivament rigward l-istess kawża u wisq anqas rigward il-meritu tal-istess kawża. Kuntrarjament għal dak li hem mniżżel fir-rikors tas-soċjeta` rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ma tatx digriet li bih 'diga pronunzjat ruhha dwaru b'mod car' – l-ammissjoni bħala oblatur animo compensandi o meno ma tolqotx il-meritu tal-kawża odjerna li tirrgiwarda gradwazzjoni bejn kredituri.*

*Għar-raġunijiet suesposti is-soċjeta` esponenti umilment tissottometti illi r-rikors tas-soċjeta` rikorrenti S.N. Properties Limited għar-rikuża ta' Din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta ma għandux jintlaqa' stante illi tali talba ma hija sustanzjata minn ebda rekwiżit għar-rikuża kif titlob il-liġi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Dan huwa digriet wara rikors intavolat mis-socjeta rikorrenti ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti ai termini tal-Artikolu 734 (d)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikuza qed tintalab ghaliex, wara li din il-Qorti, kienet cahdet it-talba tas-socjeta rikorrent biex tidhol bhala oblatur animo compensandi fl-atti tas-subbasta numru 70/06 ghaliex is-socjeta ntimata tippregradwa lis-socjeta rikorrenti, l-azzjoni intavolata mis-socjeta rikorrenti sabiex jigi dikjarat li tippregradwa s-socjeta ntimata u sabiex tigi ammessa bhala oblatur animo compensandi fis-subbasta 70/06 giet assenjata lill-Qorti kif komposta fl-istess subbasta.

Is-socjeta ntimata qed toggezzjoni ghat-talba tas-socjeta rikorrenti ghaliex, skont hi, permezz tad-digriet taghha fl-atti tas-subbasta, il-Qorti ma iddecidietx definittivament il-meritu tal-kawza, u osservat illi r-rikuza ta' gudikant tista' tintalab biss fil-kazijiet specifici imnizzla fl-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, id-dettami ta' liema ghandhom jigi osservati b'mod rigoruz.

Illi pero fuq dan l-ahhar punt, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charlie Galea vs Rosina Cardona** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju 2006, fejn intqal illi:

> "…***anke jekk il-motivi huma tassattivi, "l-interpretazzjoni taghhom ma ghandhiex tkun tali li thalli dubju fil-fiducja (ta' l-akkuzat f' dan il-kaz) dwar id-dirtt tieghu li jkollu 'a fair trial' u li ghalhekk, fid-dubju, l-Imhallef ghandu jakkolji l-eccezzjoni ta' rikuzazzjoni***" *(Kollez. Vol. XXXII P IV p 601)*;"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Irene Bonello vs Onor. Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April 2000 inghad illi:

> "[d]*in il-Qorti tara pero` li* ***l-kwestjoni rimessa lilha trid tigi deciza fuq livell oghla minn dak tas-semplici dritt ordinarju****. Fi kliem iehor anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 ma hemmx lok ta' rikuza - anzi jista' jkun hemm addirittura divjet ta' astensjoni - tista' tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu.*"

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Micallef v. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta' Ottubru 2009, il-Qorti ikkonfermat il-gurisprudenza taghha illi sabiex tigi stabbilita l-imparzjalita tal-Qorti it-test huwa wiehed doppju, cioe' imparzjalita suggettiva kif ukoll dik oggettiva:

> "***Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, inter alia, Fey v. Austria, 24 February 1993, §§ 27, 28 and 30, Series A no. 255-A, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 42, ECHR 2000-XII).***"

F'dik is-sentenza inghad ukoll illi:

> "**[a]*ppearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect***

> ***of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII).***"

Ghalhekk huwa car illi l-interpretazzjoni li l-Qorti trid taghmel tal-Artikolu trid tkun wahda li tiehu kont tal-fatt illi talba ghar-rikuza ta' gudikant, ghalkemm maghmula a bazi tal-ligi ordinarja, ghandha gheruq fi dritt kostituzzjonali u ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni d-dritt fondamentali ghas-smiegh xieraq tal-partijiet fil-kawza. Il-Qorti trid tassigura illi l-gustizzja mhux biss trid isehh, izda trid tkun tidher li tkun qed isehh, u ghalhekk huwa wkoll konsiderazzjoni mportanti illi l-Qorti ghandha tinspira l-fiducja tal-partijiet u tal-pubbliku fil-percezzjoni tal-imparzjalita taghha.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Golubovic v. Croatia** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fis-27 ta' Novembru 2012 fejn gie rrilevat illi:

> "...***although the judgment in question did not become final, it did suggest that Judge D.M. <u>had already formed a view as to the merits of the applicant's case</u> since he had held that the Faculty's decision to make the applicant redundant had been lawful.***"[1]

Dan il-principju huwa accettat mill-Qrati Malta kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Mejju 2012, fejn intqal illi t-talba ghar-rikuza:

> "*…hija gustifikata billi din il-Qorti, fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Mejju 1995 kienet ghamlet certa* ***osservazzjonijiet li jimpingu fuq il-meritu tal-kaz***."

A bazi ta' dan kollu, il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk, bid-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif komposta fl-atti ta' subbasta, inholoqx dubbju

[1] Vide wkoll **Bajaldziev v. The Former Yugoslav Republic of Macedonia,** ECHR 4650/06, deciza 25 ta' Ottubru 2011.

oggettiv dwar l-imparzjalita tal-gudikant sedenti minhabba apparenza ta' '*preformed opinion'* da parti tal-gudikant dwar il-meritu tal-kawza odjerna.

Fl-atti tas-subbasta, is-socjeta rikorrenti kienet talbet sabiex tigi ammessa bhala oblatur animo compensandi, u s-socjeta ntimata kienet oggezzjonat a bazi tal-argument illi l-kreditu taghha jippregradwa dak tas-socjeta rikorrenti. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti, ghaliex laqghat, minghajr riservi, l-argument tas-socjeta ntimata illi l-kreditu taghha kien jippregradwa dak tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti intavolat din l-azzjoni sabiex din il-Qorti tiddikjara illi l-kreditu taghha jippregradwa dak tas-socjeta ntimata u sabiex tammetti lis-socjeta rikorrenti bhala oblatur animo compensandi.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi sabiex l-interpretazzjoni tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tkun konsonanti mad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq, **din il-Qorti, kif preseduta ghandha tirrikuza ruha.** Dan ghaliex, galadarba l-Qorti kif komposta cahdet talba kwazi identika tas-socjeta rikorrenti fl-atti tas-subbasta, dan qanqal dubbju ragonevoli rigward l-imparzjalita tal-Qorti kif komposta, minhabba l-apparenza ta' *preformed opinion*.

Rigward l-argument tas-socjeta ntimata illi t-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi michuda ghaliex il-gudikant li jiddeciedi rigward mandat kawtelatorju jista' jiddeciedi wkoll il-meritu tal-kawza, il-Qorti tqis illi dan l-argument m'ghandux mis-sewwa ghaliex ma jiehux in konsiderazzjoni id-differenza bejn dawn iz-zewg azzjonijiet. Id-decizjoni li tiehu il-Qorti meta tilqa', tichad jew tirrevoka mandat kawtelatorju hija ndipendenti mid-decizjoni fil-meritu, u fl-ebda hin f'tali decizjoni ma ssir xi determinazzjoni dwar il-meritu tal-kawza, tant illi d-decizjoni tal-Qorti f'mandat kawtelatorju m'ghandha l-ebda effett fuq il-kawza fil-meritu. Minn naha l-ohra, f'dan il-kaz, id-decizjoni tal-Qorti fl-atti tas-subbasta kellha l-effett li timpedixxi lis-socjeta rikorrenti milli tippartecipa fis-subbasta bhala oblatur animo kompensandi u ghalhekk ghandha effett li jista jipperdura il-kors tal-process tas-subbasta. Ghalhekk huwa car li din is-sitwazzjoni hi ben diversa minn sitwazzjoni fejn il-Qorti iddecidiet biss rigward mandat kawtelatorju, galadarba fid-digriet moghti fl-atti tas-subbasta il-Qorti diga ghamlet osservazzjonijiet li jimpingu fuq il-meritu ta' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti tas-26 ta' April 2017, u konsegwentement l-Imhallef sedenti tirrikuza ruha ai termini tal-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li l-atti tal-kawza jintbghatu ghand ir-Registratur sabiex jigu assenjati lil gudikant iehor.

Spejjez riservati ghall vertenza finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**